# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 27 ta' Settembruu, 2023

Avviz tat-Talba numru: 121/2022 CL

**Angelo Crocetta** (KI nru: 83902A)

**VERSUS**

**Mark Bentley Holland** (KI nru: 12425A)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-5 ta' Mejju 2022, fejn l-attur lil Tribunal jiddikjata illi l-konvenut huwa veru, cert u likwidu debitur rar-rikorrenti fl-ammont ta' elfejn, tlett mija u hamsa u sittin euro u tnejn u hamsin centezmu (€2,365.52); jordna lil konvenut jhallas ir-rikorrenti s-somma ta' (€2,365.52) bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz ta' talba sad-data tal-hals effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Illi fi Frar 2022, l-attur kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex jipprestalu xogholijiet ta' gypsum installation. L-esponenti kien hareg fattura fl-ammot ta' sitt tlef, hames mija u hamsa u sittin euro u tnejn u hamsin centezmu (€6,565.52) bi ftehiem illi tali ammont jithallas fi tlett pagamenti ossia 30% bhala depozitu, 30% ohra meta jitlesta nofs il-progett u l-ammont rimanenti malli jitlesta x-xoghol. Illi minkejja li l-konvenut hallas €2000 bhala depozitu u t-tieni pagament ta' €2200 huwa naqas li jhallas l-ammont rimanenti ta' €2365.52 kif tlesta x-xoghol u ghalhekk huwa debitur veru, cert u likwidu.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2023, it-Tribunal kien innota li konvenut kien notifikat, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' n-nota bl-affidavit tal-attur u kopja tal-kommunikazzjoni bejn il-partijiet li giet ipprezentata seduta stante fit-12 ta' Gunju 2023. Fid- dawl ta' din il-prova l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-attur, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mill-attur fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u sittin euro u tnejn u hamsin centezmu (€2,365.52) bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna[1]sad-data tal-hlas effettiv u finali[2].

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,ghandhom jithalsu mill- konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Ma jirrizultax illi kien hemm talba ghal-hlas qabel din il-gurnata .

[2] Ghalkemm saret referenza ghal mandat kawtelatorju ma gietx ipprezentata ebda kopja fl-atti.